MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Numru 740/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**

**KONTRA**

**FABIENNE GRECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat is-sentenza taghha kontra l-imputata datata 27 ta’ Ottubru, 2005, fejn fuq ammissjoni l-imputata kienet tqieghedet taht Ordni ta’ Probation ghal perijodu ta’ sena, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat illi b’denunzja tal-Ufficjal tal-Probation fil-konfront tal-imputata, fit-28 ta’ Settembru 2006, l-Ordni hawn fuq indikata giet estiza ghall-perijodu massimu ta’ tlitt snin mid-data tas-sentenza;

Wara li rat id-denunzja ulterjuri tal-istess Ufficjal tal-Probation datata 2 ta' Awwissu, 2007, fejn kienu inzammu diversi seduti u nstemghu diversi provi fuq l-istess ksur tal-Ordni tal-Probation;

**Issib lill-istess imputata hatja li kisret l-Ordni ta' Probation kif sussegwentement estiza, u ghaldaqstant tittratta maghha ghar-reat originali ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap 446;**

**U Ghalhekk il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Fabien Grech ta' 25 sena', bint Saviour Grech u Maria Concetta nee' Demanuele, imwielda Pieta fit-23 ta' Gunju 1986 u residenti 'L-Ghaxqa Taghna', Triq in-Nissieg, Zabbar, detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 305780(M)

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli f'dawn il-Gzejjer bejn it-12 ta' Gunju 2005 u l-21 ta' Gunju 2005 b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzjoni wahda;

1. Talli f'Hal-Tarxien fit-12 ta' Gunju, 2005 ghal-habta ta' 4.10pm flimkien ma' persuna ohra ikkommettiet serq ta' portmoni li kien fih Lm 21.00 u dokumenti, ghad-detriment ta' Marija Abela li hija persuna anzjana minn Hal-Tarxien.

2. Talli f'Rahal Gdid fl-14 ta' Gunju, 2005 ghal-habta ta' 6.15pm, ikkommettiet serq ta' portmoni li kien fih Lm

15.00 u cavetta, ghad-detriment ta’ Violetta Cachia li hija persuna anzjana minn Rahal Gdid;

3. Talli f’Rahal Gdid fil-21 ta’ Gunju, 2005 ghal-habta ta’ 5.45pm, ikkommettiet serq ta’ portmoni li kien fih Lm 9.00 u xi dokumenti, ghad-detriment ta’ Maria Stella Ellul li hija persuna anzjana minn Rahal Gdid.

Tikkundanna lill-imputata ghal perijodu ta’ xahar prigunerija sospiza ghal-sena ai terminu tal-Artiklu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------